Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Settembru 2025
(OR. en)**

**12677/25**

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0373 (COD)**

**CODEC 1236
ENV 821
MI 638
TRANS 371
IND 341
CONSOM 169
COMPET 853
MARE 33
PECHE 253
RECH 380
SAN 548
ENT 159
ECOFIN 1148**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

1. Fis-16 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Frar 2024[2].

[1] 14248/23 + ADD 1-7.
[2] ĠU C, C/2024/2487, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/2487/oj.

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' April 2024[3].

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-23 ta' April 2024[4].

5. Fl-14 ta' Mejju 2025, il-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel tal-Parlament Ewropew (ENVI) ikkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar ir-Regolament imsemmi hawn fuq, wara li kienu saru kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Sussegwentement, il-President tiegħu bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn iddikjara li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi[5].

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 9047/25, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 9047/25 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tal-Ġermanja.

7. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum għal din in-nota.

---

[3] ĠU C, C/2024/3675, 26.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3675/oj.
[4] 10567/24.
[5] 11502/25.